MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

**Stqarrija għall-Aħbarijiet** | 3 ta' Settembru 2015

# Telekomunikazzjoni u posta: żviluppi fit-tieni kwart ta' l-2015

L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni qiegħda hawnhekk tippubblika l-aħħar statistika fuq l-oqsma tat-telekommunikazzjoni u l-posta. Din l-istatistika tħares lejn l-andament ta' dawn is-setturi fit-tieni kwart ta' din is-sena meta mqabbel mat-tieni kwart tas-sena 2014.

## Telefonija mobbli

In-numru ta' abbonati għat-telefonija mobbli fl-aħħar ta' Ġunju 2015 żdied b'14,836 (jew b'2.7 fil-mija) meta mqabbel man-numru ta' abbonati reġistrati sa l-aħħar ta' Ġunju 2014. Dan is-settur ra wkoll żieda qawwija fit-traffiku fit-tieni kwart ta' din is-sena, fejn in-numru ta' telefonati u n-numru ta' minuti ta' komunikazzjoni kien akbar minn dak rappurtat fit-tieni kwart tas-sena 2014, b'6 fil-mija u bi 11.4 fil-mija rispettivament.

## Telefonija fissa

L-aħħar ċifri juru li n-numru ta' abbonati tat-telefonija fissa kien ilaħħaq 228,991 fl-aħħar ta' Ġunju 2015, li tfisser tnaqqis fuq in-numru ta' abbonati reġistrat fl-aħħar ta' Ġunju 2014. Dan is-settur irreġistra wkoll tnaqqis fin-numru ta' telefonati u n-numru ta' minuti ta' komunikazzjoni, meta jitqabbel l-andament fit-tieni kwart ta' din is-sena ma' dak fit-tieni kwart tas-sena 2014. F'dan ir-rigward, in-numru ta' telefonati niżel b'7.5 fil-mija filwaqt li n-numru ta' minuti waqa' b'6.8 fil-mija.

## *Broadband* b'aċċess fiss

Is-settur tal-*broadband* b'aċċess fiss esperjenza titjib fit-teħid tas-servizz mill-konsumatur. In-numru kumplessiv ta' abbonati tela' minn 148,175 fl-aħħar ta' Ġunju 2014 għal 154,904 fl-aħħar ta' Ġunju ta' din is-sena, jiġifieri titjib ta' 4.5 fil-mija fit-teħid ta' dan is-servizz. Hawnhekk tajjeb li jingħad illi ż-żieda msemmija hija attribwita għal tehid akbar ta' servizzi b'veloċita' ta' *download* ta' 30Mbps jew akbar.

Għal aktar informazzjoni, tista' tikkuntattja lil:
Sharon Scerri, Koordinatur tar-Relazzjonijiet mal-Media u l-Komunikazzjoni Online, Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni
Tel: 2205 9406, Mob: 9906 6200, Imejl: pr@mca.org.mt
Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Valletta Waterfront, ix-Xatt ta' Pinto, Floriana FRN 1913 Tel: (+356) 21 336 840

**Televiżjoni b’aċċess imħallas fix-xahar**

Dan is-settur wera tnaqqis fin-numru totali ta’ abbonati, minn 149,158 fl-aħħar ta’ Ġunju 2014 għal 148,231 fl-aħħar ta’ Ġunju ta’ din is-sena. Iż-żieda fin-numru ta’ abbonati fuq pakketti ‘IPTV’ ma’ kinetx biżżejjed biex tpatti għat-tnaqqis fin-numru ta’ abbonati fuq pakketti ‘cable analogue’, ‘cable digital’, u ‘DTTV’.

**Posta**

Is-settur tal-posta esperjenza tnaqqis ta’ 8.9 fil-mija fil-volum ta’ posta mqassma f’Malta fit-tieni kwart ta’ din is-sena meta mqabbel mal-istess perijodu is-sena li għaddiet. Dan it-tnaqqis huwa attribwit prinċipalment għat-tnaqqis fl-ammont ta’ ittri mqassma kategorizzati bħala ittri ‘standard’ u ittri ‘bulk’.

**Notamenti**

Flimkien ma’ din l-istqarrija, l- Awtorità qiegħda tippubblika dik li tissejjaħ ‘Data Report Sheet (DRS)’ li tinkludi fiha firxa iktar wiesgħa ta’ indikaturi għas-setturi msemmija hawn fuq. Din id-DRS tagħti ħarsa lejn statistika miġbura mill-2011 ‘l quddiem abbażi ta’ kull kwart ta’ sena, jiġifieri mill-ewwel kwart sar-raba' kwart ta’ kull sena indikata. Inħeġġuk għalhekk taċċessa dan id-dokument għal analiżi iktar dettaljata lejn il-figuri għall-ewwel kwart ta’ din is-sena marbuta mas-setturi tat-telekomunikazzjoni u il-posta.

L-Awtorità tinnota li l-istatistika maħruġa permezz ta’ din is-serje ta’ pubblikazzjonijiet tinġabar b’mod regolari mingħand l-operaturi lokali abbażi ta’ kull kwart tas-sena.

Kull statistika hija provviżorja u tista’ tinbidel fl-aġġornamenti maħsuba għax-xhur li ġejjin.

Għal iktar informazzjoni fuq l-istatistika ppubblikata hawnhekk, nistednuk ukoll tidħol fis-sit elettroniku tal-MCA www.mca.org.mt/market-overview.

Tmiem

Għal aktar informazzjoni, tista’ tikkuntattja lil:
Sharon Scerri, Koordinatur tar-Relazzjonijiet mal-Media u l-Komunikazzjoni Online, Awtorità ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni
Tel: 2205 9406, Mob: 9906 6200, Imejl: pr@mca.org.mt
Awtorità ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni, Valletta Waterfront, ix-Xatt ta’ Pinto, Floriana FRN 1913 Tel: (+356) 21 336 840